II

(Atti mhux leġislattivi)

FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL 2010/199/PESK

tat-22 ta' Marzu 2010

dwar l-iffirmar u l-konklużjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Montenegro dwar il-parteċipazzjoni tal-Montenegro fl-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea bil-ħsieb ta' kontribut għad-deterrenza, il-prevenzjoni u t-trażżin tal-atti ta' piraterija u ta' serq bl-użu tal-armi 'l barra mix-xtut tas-Somalja (Operazzjoni Atalanta)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-Artikolu 37 tiegħu, u t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-Artikolu 218(5) u (6) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fl-10 ta' Novembru 2008, il-Kunsill adotta l-Azzjoni Konġunta 2008/851/PESK dwar operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea bil-ħsieb ta' kontribut għad-deterrenza, il-prevenzjoni u t-trażżin tal-atti ta' piraterija u ta' serq bl-użu tal-armi 'l barra mix-xtut tas-Somalja [1] (operazzjoni Atalanta).

(2) L-Artikolu 10(3) ta' dik l-Azzjoni Konġunta jipprevedi li l-modalitajiet dettaljati għall-parteċipazzjoni ta' Stati terzi għandhom ikunu s-suġġett ta' ftehimiet li jridu jiġu konklużi konformement mal-Artikolu 37 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea.

(3) B'segwitu għad-Deċiżjonijiet mill-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà tal-21 ta' April 2009 dwar l-aċċettazzjoni ta' kontributi ta' Stati terzi għall-operazzjoni (ATALANTA/2/2009) [2] u dwar l-istabbiliment tal-Kumitat ta' Kontributuri (ATALANTA/3/2009) [3], ġie nnegozjat Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Montenegro dwar il-parteċipazzjoni tal-Montenegro fl-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea bil-ħsieb ta' kontribut għad-deterrenza, il-prevenzjoni u t-trażżin tal-atti ta' piraterija u ta' serq bl-użu tal-armi 'l barra mix-xtut tas-Somalja (Operazzjoni Atalanta) ("il-Ftehim").

(4) Il-Ftehim għandu jiġi approvat,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Montenegro dwar il-parteċipazzjoni tal-Montenegro fl-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea bil-ħsieb ta' kontribut għad-deterrenza, il-prevenzjoni u t-trażżin tal-atti ta' piraterija u ta' serq bl-użu tal-armi 'l barra mix-xtut tas-Somalja (Operazzjoni Atalanta) ("il-Ftehim") huwa b'dan approvat f'isem l-Unjoni Ewropea.

It-test tal-Ftehim huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat li jinnomina il-persuna/i mogħtija s-setgħa tiffirma/jiffirmaw l-Ftehim sabiex tintrabat l-Unjoni Ewropea.

Artikolu 3

Il-President tal-Kunsill għandu, f'isem l-Unjoni, jagħti n-notifika prevista fl-Artikolu 10(1) tal-Ftehim [4].

[1] ĠU L 301, 12.11.2008, p. 33.
[2] ĠU L 109, 30.4.2009, p. 52.
[3] ĠU L 112, 6.5.2009, p. 9 u addendum f'ĠU L 119, 14.5.2009, p. 40.

[4] Id-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim tiġi ppubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* mis-Segretarjat tal-Kunsill.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Artikolu 5

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, it-22 ta' Marzu 2010.

Għall-Kunsill
Il-President
M. Á. MORATINOS